**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 27 ta' Settembru 2023**

**Rikors nru : 158/2023 AGV ;**

**FL-ISMIJIET:**

**E K S PRO ET NOMINE**

**Versus**

**E K L**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors tar-Rikorrenti Attur S EK de pro et no datat 19 ta' Lulju 2023 ;**

**Jesponi bil-qima u bil-Gurament tieghu jikkonferma:-**

1. Illi z-zwieg tal-kontendenti partijiet genituri tkisser irremedjabilment minghajr ebda tama ta' xi forma ta' rikonciljazjoni. Illi in effetti kif jirrizulta mac-Citazzjoni intavolata mill-Attur nhar is-6 ta' Lulju 2023, hemm Dokumenti li juru li hemm kawza ghall-Annullament taz-zwieg quddiem it-Tribunal Ekklesjastiku li qeghda fil-fazijiet finali taghha, b'Sentenza mistennija fi ftit xhur dina s-sena stess 2023.

2. Illi oltre fit-Talbit tal-Attur f'dina l-kawza hemm ipprovdut ghal Talbiet ghad-Divorzju stante li l-Partijiet issa ilhom adegwatament legalment ma jikkoabitawx flimkien, jirrisjedu separtatament il-Mosta u s-Swieqi, u ma hemmx ebda forma ta' intaiminta bejnithom.

3. Illi l-partijiet kontendenti huma professjonalisti fil-hidmiet taghhom, ghandhom il-karrieri taghhom u ebda naha ma ghandha bzonn lin-naha l-ohra u ghalhekk huwa gust illi jisseparaw minnnufih minn xulxin ghal dak li huwa l-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnithom minhabba zwieg, dana billi tigi terminata tali kommunjoni tal-akkwisti skont il Ligi, partikularment skont Artikolu 55(1) tal-Kapitolu 16- Kodici Civili tal-Ligijiet ta'Malta.

4. Illi f'dana l-istadju ssir referenza ghal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta , Artiklu 55 u ghat-tmien (8) sub-Artikli tieghu fejn u safejn Applikabbili. Illi dar-rikors, huwa intiz bl-objettiv li titwaqqaf il-Komunjoni tal-Akkwisti bejn il-kontendenti partijiet genituri billi dina titwaqqaf skond il-Ligi kif qed jigi ndikat.

5. Illi ssir referenza ghas-Sub Artiklu 4 tal-istess Artiklu 55 tal-Kap. 16 u fejn fic-cirkustanzi ma hemm ebda kwistjoni li jista ikun hemm xi parti li ssofri xi pregudizzju disproporzjonat minhabba dana l-waqfien tal-kommunjoni tal-akkwisti qabel il-pronunzjament tal-firda legali (Separazzjoni) jew Annulament Ekklesjastiku jew Hall taz-zwieg permezz tad-Divorzju.

6. Illi ghalhekk , qed jigi sottomess dana r-Rikors odjern.

<u>TALBIET TAR-RIKORRENTI ATTUR SAM EL KHATIB : K.I. 0014391M.</u>

7. Illi ghaldaqstant , l-esponenti Rikorrenti S E K qieghed umilment jitlob lil dina l-wisq Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara , tidderegi, tiddeciedi u tordna illi:

    a. Illi Kommunjoni tal-Akkwisti ezistenti bejnu u bejn il-konvenuta L E K qua martu ghandha tigi mwaqqfa u terminata b'effett immedjat a bazi ta Artilu 55 (1) tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta Malta;

    b. Illi b'tali waqfien u terminazzjoni, il-konvenuta intimata qua mart l-Attur u r-Rikorrenti nnifsu bl-ebda mod ma huma sejrin isofru xi pregudizzju disproprozjoat qabel is-sentenza definittiva ta' dina l-

kawza odjerna fl-inkawdraura tas-subartilku 4 tal-istess Artilu 55 tal-Ligijiet ta Malta Kapitlu 16;

c. Illi d-direttur tar-Registru Pubbliku ( Identity Malta) ghandu skont il-Ligij jigi notifikat bi-waqfien u t-terminazzjoni tal-Kommunjoni tal-Akkwisti u dana a bazi tas-sub artilku (5) tal-indikat Artiklu 55, Kapitlu 16 il-Kodici Civili;

d. Illi l-Onorabbli Qorti ghandha fid-diskrezzjoni taghha tati dawk id-Direttivi ulterjuri provedimenti, struzzjonjijiet u /jew ordnijiet li jidhrilha xierqa u opportuni fl-inkwadratura tal-kontenut u t-talbit f'dana r-rikors odjern.

8. Tant ghandu x'jissottometti r-rikorrenti Esponeti S E K bir-rispett kollu ghas-savju gudizzju ta dina l'wisq Onorabbli Qorti.

**Rat ir-Risposta ta' L E K ghar-rikors tal-Konvenut datat 19 ta' Lulju 2023;**

Tesponi bir-rispett:

Illi permezz tar-rikors tieghu datat 19 ta' April 2022, il-konvent qed jitlob il-waqfien tal-kominjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet ai termini tal-artilkolu 55 tal-Kap 16;

Illi l-esponenti ma ghandhiex oggezzjoni ghall-istess talba;

Ghar-ragunijiet premessi t-talba ghandha tigi milqugha.

**DECIDE:**

Tilqa' t-talba, u tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn il-partijiet ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Tordna notifika lid-Direttur Registru Pubbliku skond il-ligi.**

**Imhallef**

**Onor. Anthony G Vella**

**Cettina Gauci – DEP REG**